# L-ERWIEĦ TA' WIED GĦAMMIEQ

Kitba ta' **MARY CHETCUTI**



Ritratti: TVM U ASSOĊJAZZJONI WIRT IL-KALKARA



Qegħdin ngħixu emerġenza tas-saħħa straordinarja li lanqas fl-iktar immaġinazzjoni fertili tagħna ma stajna noħolmu li nistgħu ngħaddu minnha. Sa ftit taż-żmien ilu meta nisma kliem bħal pandemija u mxija kienu jiġu f'moħħi l-ġenerazzjonijiet mgħoddija li kienu jintlaqtu minn epidemiji qattiela tal-pesta jew kolera fost mard infettiv ieħor li kienu jħallu mijiet u eluf ta' vittmi, saħanistra rħula sħaħ.

Waħda mill-agħar epidemiji li laqtu lil Malta kienet dik li bdiet mid-dar tal-merkant u importatur tad-drappijiet Matteo Bonnici nhar lejlet il-Milied tal-1675, fil-Belt Valletta. F'temp ta' ftit jiem mietu kważi l-membri kollha tal-familja Bonnici u nies oħrajn ġirien tagħhom.

L-awtoritajiet tal-Ordni ta' San Ġwann mill-ewwel basru li l-kawża tal-imwiet kienet marda infettiva u b'mod immedjat daħħlu miżuri u regoli sabiex id-deni li qatel lil dawk in-nies Beltin ma jkomplix jinfirex u jagħmel ħerba fi bliet u rħula oħrajn tal-Gżejjer Maltin.

Kellhom raġun għax il-marda kienet il-pesta li aktarx inġiebet fuq artna minn skwadra Ingliża li kienu għadhom kemm żaru Tripli, fil-Libja. Il-Kavallieri ta' San Ġwann imponew kwarantina iebsa ferm sabiex ikkontrollaw dik li bdiet tilħaq il-livell ta' epidemija. B'danakollu, is-sitwazzjoni xorta waħda ħarbet minn taħt idejhom għax sa Ġunju tal-1676 il-pesta qatlet mal-11,300 ruħ (22% tal-popolazzjoni); 10 minnhom kienu Kavallieri tal-Ordni, għalkemm Għawdex baqa' ħieles mill-infezzjonijiet.

Epidemija kerha oħra li misset il-Gżejjer Maltin kienet tal-pesta wkoll li faqqgħet fis-16 ta' April 1813 mid-dar ta' Salvatore Borg fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, meta bintu ta' tmien snin telgħalha deni qawwi u mietet tlett ijiem wara. Iċ-ċkejkna sarilha l-funeral fil-Knisja ta' Ġieżu u ndifnet fil-kripta tal-knisja stess.

L-allarm tqajjem mit-tobba meta mart Salvatore Borg mardet l-istess bħal bintha u mietet; Salvatore marad bħalhom u miet fil-Lazzarett (l-isptar tal-kwarantina għall-mard infettiv mibni mill-Kavallieri). Fl-4 ta' Mejju 1813, l-awtoritajiet Brittaniċi ħarġu twissija li s-saħħa pubblika kienet tinsab f'periklu kbir għax il-kawża tal-mewt tal-familja Borg kienet il-pesta.

Għall-bidu l-imxija bdiet b'pass kajman tant li n-nies ħasbu li l-awtoritajiet kienu qed jesaġeraw. Imma wara s-16 ta' Mejju l-pesta qabdet tinfirex b'ritmu mgħaġġel minn triq għal oħra ġol-Belt u saħansitra ħarġet mill-kapitali, kompliet tinfirex mal-Gżejjer Maltin u ħasdet il-ħajja ta' 4,500 ruħ, li jfisser 5% tal-popolazzjoni f'dak iż-żmien.

Din il-pesta kienet ġiet importata mill-belt ta' Lixandra fl-Eġittu meta merkanzija infettata nsterqet minn fuq il-brigantin 'San Nicola' li sorġa fil-port Malti taħt kwarantina peress li kienu mitulu abbord xi membri tal-ekwipaġġ bid-deni.

Waħda mill-aktar epidemiji li ħolqot għagħa fost il-Maltin hija dik tal-kolera li faqqgħet fl-Ospizio tal-Floriana li kien sptar għax-xjuħ u l-foqra. Meta fid-9 ta' Ġunju 1837 it-Tabib Axisa ntalab jinvista żewġt ixjuħ li kienu magħkusin sew minn marda li ħakmithom, hu investiga u kkonferma li l-pazjenti kienu qed imutu minn każ ta' Kolera Ażjatika, varjant oriġinat mill-Indja snin qabel li jinfirex malajr u joqtol ħafna.

Bla telf ta' ħin it-Tabib Axisa informa lill-Awtoritajiet tas-Saħħa sabiex iħaffu u jdaħħlu l-kwarantina. B'danakollu l-Ispettur Ġenerali għall-Isptarijiet Militari Brittaniċi, Dr Clarke ma qabilx mad-dijanjosi tat-tabib Malti għax skont hu dawn kienu żewġ każi ta' kolera ħafifa.

Sat-13 ta' Ġunju 1837 il-każi telgħu għal 27 anzjan li 17 minnhom mietu. Wara ħafna argumenti kien stabbilit u kkonfermat li din fil-fatt kienet Kolera Ażjatika u ttieħdu passi sabiex ix-xjuħ kollha tal-Ospizio jkunu trasferiti u iżolati fil-Forti Rikażli, liema fortizza ma kenitx baqgħet tintuża bħala sptar tal-Qawwa Militari Brittanika f'Malta mindu mxew lejn Bighi.

F'temp ta' 40 jum l-epidemija kienet diġà qerdet 455 minn madwar 855 xiħ u xiħa li ntefgħu fil-fortizza. Minħabba n-numru daqstant għoli ta' mwiet f'daqqa, kellhom jitħaffru ħofor fil-ħamrija fuq l-art magħrufa bħala Ta' Wied Għammieq ftit 'il bogħod minn Forti Rikażli, biex iservu ta' oqbra komuni għall-vittmi.

Minħabba ż-żmien li kien inħela sabiex l-Awtoritajiet tas-Saħħa kolonjali ħadu l-miżuri meħtieġa, il-kolera laħqet ħeġġet mal-irkejjen ta' Malta u Għawdex u sa Ottubru tal-istess sena ħalliet mal-4,252 vittma, li kważi 900 minnhom mietu fil-Forti Rikażli.

Dawn tal-aħħar indifnu kollha fil-ħofor komuni li kienu tlestew għalihom u kienu jibqgħu minsijin hemm li ma kienx għal devozzjoni li bdiet titqanqal lejn ix-xjuħ tal-Ospizio li waqgħu vittmi tal-kolera.

Kien fl-1878 li l-fdalijiet tagħhom reġgħu nqalgħu biex ingħataw difna xierqa. Fuq qabarhom tqiegħdet kolonna piramidali bħala monument ta' tifkira u fuqha tqiegħed salib (li llum m'għadux jeżisti), tnaqqxet xbieha tad-Duluri u twaħħlet kitba bil-Malti li tgħid:

"Hawn għadam il-foqra li fis-sena 1837, ġewwa Rikażli ngabru u bil-kolera mietu. Dan iċ-Ċimiterju bi flus id-devoti sar fl-1881. Intom ikollkom ħniena, itolbu għas-serħan tagħhom."

Devozzjoni kbira għall-erwieħ ta' Wied Għammieq għadha tħeġġeġ sal-lum. Iċ-Ċimiterju ċkejken li jinsab fl-inħawi tal-Kalkara ikun miftuħ għall-viżitaturi fit-tieni jum ta' Novembru.

Il-kolera reġgħet tfaċċat fuq il-Gżejjer Maltin fl-1850 meta ħalliet 1,738 vittma, imbagħad reġgħet faqqgħet 15-il sena wara u qatlet mal-1,479 ruħ. L-aħħar żewġ epidemiji tal-kolera f'Malta kienu fl-1867 fejn ħalliet 259 mejta u fl-1887 meta mietu 463 ruħ, (iċ-ċifri jistgħu jvarjaw xi ftit minn riċerka għal oħra). Epidemiji li barra l-biża' u l-imwiet ikkaġunaw qgħad, ġuħ u faqar fost il-popolazzjoni Maltija.